Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8640 — CVC/Blackstone/Paysafe)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 358/09)

1. Fis-16 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CVC Capital Partners SICAV-FIS SA ("CVC", il-Lussemburgu)

— Blackstone Group LP ("Blackstone", l-Istati Uniti tal-Amerika)

— Paysafe Group PLC ("Paysafe", ir-Renju Unit),

CVC u Blackstone jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' Paysafe kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offeta pubblika mħabbra fil-4 ta' Awwissu 2017.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CVC: l-għoti ta' konsulenza u ġestjoni ta' fondi u pjattaformi ta' investiment;

— Blackstone: ġestjoni tal-assi alternattiva globali,

— Paysafe: il-forniment ta' servizzi ta' pproċessar ta' pagamenti online u bit-telefown ċellulari.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8640 — CVC/Blackstone/Paysafe

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").